MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Numru 441/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**Vs**

**Eleanor Magro**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Eleanor Magro ta’ 21 sena bint Carmelo u Maria Elvira nee Abela mwielda tal-Pieta’ fid-9 ta’ Novembru 1986 u residenti 88 Chalvira Triq il-Ħabaq, Marsaskala u detentriċi tal-karta tal-identita’ bin-numru 504586(M)

Akkużata talli fis-16 t’April 2008 għall-ħabta tas-19.00 fi Triq San Tumas, Żejtun

1. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġnat offiża ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Raymond Muscat skond kif iċċertifika Dr David Bilocca MD Reg 3015 mill-isptar Mater Dei u dna biksur tal-artikolu 226(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunat xi ħsara jew ħassret jew għarrqet xi ħaġa u cioe' żiemel u Serkin gaħdp-dannu ta' Raymond Muscat, u dan bi ksur tal-artikolu 328 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Saqet il-vettura IBC b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluża.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata tkun skwalifikata mil-liċenzji kollha tas-sewqan.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputata li jġib in-numru 5045 tal-1986, il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji (fol 4), id-dikjarazzjoni tad-difiża li biha eżentat lill-Prosekuzzjoni milli ttellea' x-xhud beix jikkonfram r-ritratti (fol 4), id-dokumenti AM (fol 4), AM1, ir-road accident report Dok CA, il-current incident report, (fol 22), l-iskeċċ a fol 26, ir-ritratti li juru l-ġrieħi tal-allegat vittma (fol 36) (Dok RM), id-dokument RM 1 (ħlas tax-xarretta li kien jammonta għal Lm300 (fol37), iċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr A Basmadjian (fol 38) datat 23 ta' Mejju 2008, iċ-ċertifikat rilaxxjat minn Dr Martin Slvika  (fol 39), żewġ ċertifikati oħra rilaxxjati minn Dr A Basmadjian (fol 40 u 41),ċertifiakt rilaxxjat mill-Health Centre (fol 42), Case Sumamry mill-Mater Dei Hospital (fol 49, u l-prezz taż-żiemel (riċevuta a fol 50) għal Lm2000 (€4660).

Semgħet ix-xhieda kollha bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkunsidrat

Skond il-Prosekuzzjoni l-imputata kienet qed issuq vettura IBC 498 tal-għamla Fiesta fi Triq id-Daħla ta' San Tumas iż-Żejtun fis-16 t'April 2008. Quddiemha kein hemm żiemel b'serkin misjuq minn ċertu Raymond Muscat. L-imputata ħabtat mas-serkin u Raymond Muscat ġarrab ġrieħi waqt li ż-żiemel miet.

L-imputat kienet qalet li waqt li kienet qed tipprova tissopassa lil dan iż-ziemewl bix-xarretta, hi kienet laqtet il-parti ta' wara tiegħu u seħħet il-kolliżjoni. It-triq hija double carriage way u single fuq kull naħa.

Iċ-ċertifiakt a fol 11 jurili Raymond Muscat sofra ġrieħi f'imnieħru, fl-ikopptejn u fl-għarqub.

Iż-żiemel kellu jinħaraq skond kif turi r-riċevuta (fol 12).

Din il-verżjoni tal-fatti kienet ikkonfermata minn PS 1004 Christopher Abela. L-alleggat vittma kien qal li kien ħass daqqa kbira fuq wara u kienu taru hu u ż-żiemel. (fol 14). L-imputata qalet li ippruvat taqbeż is-serkin, hu ħareġ ftit 'il barra u hi kienet qabditlu s-serkin. (fol 14). Ma kienx hemm brake marks. Fil-karreġġjata tista' tagħmel is-sorpass. It-triq hija waħda normali u aktar 'l isfel tinfetaħ. Il-point of impact kien probabbilment qabel il-fetħa fit-triq. (fol 20).

Raymond Muscat xehed li f'din it-triq trid timżel bil-mod mal-ħajt. Huwa kien nieżel kemm, kemm jiċċaqlaq meta f'daqqa waħda ħass daqqa ta' karrozza fuq wara (Fol 28). Huwa spiċċa mal-windscreen tal-karrozza u minn fuq il-windscreen għal mal-art. Ix-xarretta nqasmet u ż–żiemel miet. (fol 29). Huwa kien miexi lejn il-ħajt.

Ir-ritratti juru x'tip ta' ġrieħi kellu l-imputat f'wiċċu f'idejh. Huwa ma kienx ħareġ għan-nofs qabel ma laqtitu. Kieku

ċċaqlaq kienet tolqtu mal-ġenb iżda effettivament l-imptuat laqtitu mal-ġenb. L-imputat kienet saret bajda karti bil-qatgħa li ħadet. L-imputat qal ukoll li missier l-imputata kien amr jarah id-dar.

Xehed Dr John Cutajar (Med Reg 2870) li kien eżamina lil Raymond Muscat l-Isptar u kien sablu tbenġil u grif f'saqajh it-nejn 'l isfel mill-irkopptejn u kellu qasmu fuq imnieħru. Huwa kkonferma bil-ġurament dak li hemm fiċ-ċertifikat.

**Difiża**

Xehdet l-imputata li qalet li kein hemm persuna bis-erkin li hija ppruvat taqbeż. Din resqitilha xi naqra 'l barra u l-imputata keient daħlet ġo fiha. l-sorpass ipprovat tagħmlu fejn it-triq hija aktar wiesgħa. L-imputata ma kentix qed issib b'mod eċċessiv. Hi kienet laqtet lill-imputa fuq in-naħa 'tal-passenger seat' tagħha. It-triq la hija dejqa u lanqas hija wiesgħa.

Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

Mill-provi jirriżulta li kient l-imputata li daħlet fuq wara tas-serkin u konsegwentment seħħ l-inċident.

M'hemmx dubju li miet iż-żiemel u hemm provi biżżejjed li l-imputat sofra ġrieħi serji ai termini tla-artikolu 216 tal-Kap 9.

Il-ġurisprudenza tagħna dwar is-sorpass hija din:

'Regola importantissima għas-sorpass huwa lid an għanud jsir b'sikurezza (App Krim Il-Pulizija vs Manwel Mallia, (Koll Vol XLIII p 1001)  Kif ġie osservat fl-Appell Kriimali il-Pulizija vs John Ripard (Kollez XXXVI p 749), il-kwistjoni ta' overtaking tista' tieħu aspett ferm speċjali fiċ-ċirksotanzi partikolari tal-lokalita'.  Fl-Appell Kirminali 'Il-

Pulizija vs S.A.C.J. Agius, il-Qorti ossrvat li overtaking jkun perikoluż li jsir meta driver prudenti jsita' jipprevidi li l-vettura li jkun qed jaqala' tista' tibdel ir-rotta.

Fil-kawża ċivili Bord vs Ciantar deċiża in parte fis-9 ta' Novembru 1968, il-Qorti rreteneit illi l-onus tal-prova li s-sewwieq tal-vettrua ta' quddiem kien negliġenti u bin-negliġenza tiegħu kkaguna l-kolliżżjoni jaqa' fuq is-sewweiq tal-overtaking vehicle. Fil-Highway Code, fir-rakkomandazzjoni numru 74, insibu li fejn m'għandux isir overtaking insibu 'if in doubt – hold back.' U fir-rekkomandazzjoni numru 71 insibu 'Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others.' [1]

Fil-fehma tal-Qorti, l-inċident mhux wieħed ta' casus kif ippruvat tpinġieh id-difiża. L-imputata kellha d-dmir li żżomm a proper look out u f'każ meta għandek żiemel quddiemek trid tkun aktar attent għaliex iż-żiemel jibqa' animal u mhxu prevedibbli daqs ħaġa bla ħajja bħalam hi magna. Din il-konklużjoni hija msaħħa wkoll mill-provi dwar il-punt fejn saret il-ħabta kemm kif deskritt mill-allegata vittma kif ukoll mill-imputata nnifisha.

Biss mill-provi ma jirriżultax li l-vittma sofra offiżi serji li jaqgħu taħt l-artikolu 218 tal-Kap9 iżda li dawn pjuttost jaqgħu taħt l-attikolu 216(1)(b) tal-Kap 9. Għalhekk.konsegwentement, japplika l-artikolu 226(1)(b) u mhux l-artikolu 226(a) kif inhu indikat l-imputazzjoni , liema reat huwa kompriż u involut fl-ewwel imputazzjoni.

Minħabba l-konklużjoni magħmula fil-pargrafu preċedenti, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni ai termini tal-artikolu 328(ċ), liema imputazzjoni iżda hija ai termini tal-artikolu 17(h) assorbita fl-ewwel imptuazzjoni stante li kien hemm mens rea waħda ta' negliġenza għaż-żewġ imptuazzjonijiet.

[1] Jurgen W.Dobler vs Anthony Caruana Qorti tal-Appell Ċivili 5 t'Ottubru 1998 paġina 513.

Min-naħa l-oħra, fin-nuqqas ta’ brake marks jew xi prova oħra, ma jidhirx li l-Prosekuzzjoni ressqet provi biżżejjed dwar it-tielet imptuazzjoni.  Minn imkien ma jirriżulta li l-imputata kienet qed issuq bla kont, traskurat jew perikoluż.  In-negliġenza f’dan il-każ ma tammontax għal traskuraġni. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputata minnha.

## Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 226(1)(b), 328(ċ) tal-Kap 9 u l-artikolu 15(1)(ċ) tal-Kap 65 qed issib lill-imputata ħatja tal-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni b’dan pero’ li fl-ewwel imputazzjoni l-artikolu li għandu japplika huwa l-artikolu 226(1)(b) u mhux l-artikolu 226(a) kif indikat fl-ewwel imputazzjoni liema reat, li l-Qorti qed issibha lill-imputata ħatja tiegħu taħt l-ewwel imputazzjoni, huwa involut u kompriż fl-istess imputazzjoni; u bit-tieni imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni għar-raġuni mogħtija aktar ‘il fuq ai termini tal-artikolu 17(h) tal-Kap 9. Il-Qorti qed tillibera lill-imputata mit-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti qieset li l-imptutata għandha fedina penali nadifa, li ma kenitx qed issuq bl-addoċċ, u li wara l-inċident saħansitra missierha mar iżur lill-allegat vittma biex jara x’ġara. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti jidhrilha li l-piena l-aktar idonea hija li tikkundanna lill-imputata tħallas multa ta’ €900 liema multa titsta’ titħallas b’rata ta’ 100 Ewro kull erba’ ġimgħat bl-ewwel pagament jitħallas fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum.  Jekk ma jitħallasx xi pagament, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa.  Jekk ma titħallasx xi parti mill-multa, din għandha tinbidel f’jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------